# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 13 ta' Lulju 2001**

**Numru 144**

**Citaz. numru: 1870/95 M1 NA**

**Anthony Scicluna**

**vs**

**Martin Cassar**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur ippremetta:

Illi fid-19 ta' Awissu 1994, waqt li l-istanti kien qed isuq mutur P-5181 go College Street, Rabat dan safa' milqut minn Martin Cassar li kien qed isuq il-vettura U-8025 li kienet ghadha kif harget minn *parking*. Rizultat ta' dan l-istanti sofra diversi danni, fosthom li safa' permanentement disabilitat.

Illi ghall-incident u konsegwenzjali danni kien jahti l-konvenut minhabba inosservanza tar-regolamenti tas-sewqan;

Illi l-partijiet baqghu ma jistghux jaslu f'transazzjoni barra mill-Qorti;

TALAB li dina l-Qorti:

1. tiddikjara l-konvenut responsabbli ghall-incident imsemmi u ghal konsegwenzjali danni sofferti mill-istanti;

2. tillikwida d-danni okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi;

3. tikkundanna l-konvenut ihallas is-somma hekk likwidata u ddikjarati bhala dovuti;

Bl-ispejjes u l-imghax skond il-ligi kontra l-konvenut.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet fejn il-konvenut eccepixxa:

1. Illi hu jammetti r-responsabbilita' tal-kollizzjoni in kwistjoni, kif del resto ilu li ghamel dan ferm qabel il-

prezentata tac-citazzjoni u ghalhekk m'ghandux ibati l-ispejjes ta' l-ewwel talba kif dedotta fic-citazzjoni odjerna;

2. Illi l-vertenza bejn il-kontendenti tirrigwarda r-rata ta' dizabbilita' permanenti li sofra l-attur b'rizultat ta' l-incident *de quo* u ghalhekk trid issir il-prova tad-dizabbilita' li sofra l-attur;

3. Salv eccezzjonijiet ohra.

Illi b'digriet tas-7 ta' Novembru 1996 dina l-Qorti nnominat lil Dr. Carmelo Sciberras bhala espert mediku, li pprezenta u halef ir-rapport tieghu fit-23 ta' Jannar 1997.

Fir-rapport tieghu l-Perit Mediku kkonstata s-segwenti:

(a) L-attur per konsegwenza ta' l-incident sofra disabbilita' permanenti ta' 5%;

(b) Id-disabbilita' hija identifikata fi spalltu x-xellugija u ghandu diformazzjoni permanenti ta' *clavicular fracture*;

(c) Jista' jaghti l-kaz li jkollu bzonn operazzjoni f'idu x-xellugija.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

(1) M'hemmx kontestazzjoni dwar ir-responsabbilita' tal-konvenut.

(2) Il-kontestazzjoni hija limitata ghal persentagg ta' disabbilita' ta' l-attur.

(3) Id-disabbilita' giet iffissata ghal 5% mill-Perit Mediku Dr. Carmelo Sciberras u l-Qorti ma tara li ngabet ebda raguni serja u valida l-ghala ghandha tiskarta din il-prova wara wkoll li l-konvenut, tramite d-difensur tieghu, fis-seduta tat-3 ta' Ottubru 1997 kien irremetta ruhu ghar-rapport peritali.

Id-danni sofferti mill-attur bhala ***damnum emergens*** huma:

(a) Spejjes ghand Dr. Charles Grixti

Lm10.00 (ricevuta ta' 06/09/1994)

Lm10.00 (ricevuta ta' 27/09/1994)

Lm10.00 (ricevuta ta' 07/11/1994)

Lm40.00 (ricevuta ta' 01/12/1994)

Dawn l-ircevuti huma esebiti a fol. 8-9 tal-process.

(b) Spejjes ghand Dr. Wilfred Galea:

Lm02.00 (ricevuta ta' 25/08/1994)

Lm01.00 (ricevuta ta' 07/09/1994)

Lm01.00 (ricevuta ta' 26/09/1994)

Dawn l-ircevuti huma esebiti a fol. 10 tal-process.

(c) Lm12.00 ghand Dr. Bernardette Mallia (esebit a fol. 11 tal-process).

(d) X-Ray / Ultrasound Clinic

Lm30.00 (ricevuta ta' 06/09/1994)

Lm20.00 (ricevuta ta' 07/11/1994)

Dawn l-ircevuti huma esebiti a fol. 12 tal-process.

(e) Santa Maria Pharmacy

Lm01.59 Dok. F2 a fol. 13 tal-process

Lm02.10 Dok. F1 a fol. 13 tal-process

Lm02.71 Dok. F3 a fol. 13 tal-process.

**TOTAL - <u>Lm142.40</u>**

Fir-rigward tad-danni ***lucrum cessans***:

1. L-attur fil-mument ta' l-incident kellu 52 sena.

2. Fis-sena 1995 meta giet proposta l-azzjoni odjerna l-paga tieghu kienet ta' Lm4680.

Fil-fehma tal-Qorti ghandu jittiehed *multiplier* ta' 8 snin filwaqt illi peress illi l-incident sehh fl-1994 u l-kawza qed tigi deciza fl-2001 ma ghandux jitnaqqas aktar minn hamsa fil-mija (5%) bhala *lump sum payment deduction* u dana ghar-ragunijiet kif zviluppati minn din il-Qorti kif preseduta fis-sentenzi minnha moghtija "Salamo et vs Attard" (23/1/1996) u "Susan Davies et vs Anthony Galea" (10/10/1997). Id-danni ghalhekk taht dan il-kap iwasslu ghal

Lm4680 X 8 X 5% = Lm1872 - 5% = Lm1778.40.

Danni Totali ghalhekk **Lm1778.40 + Lm142.40 = Lm1920.80.**

Din il-kawza hija ghalhekk deciza billi l-Qorti:

1. fuq ammissjoni ta' l-istess konvenut tiddikjarah responsabbli ghall-incident imsemmi fic-citazzjoni u ghad-danni konsegwenzjali sofferti mill-attur;

2. tillikwida d-danni sofferti mill-attur fl-ammont ta' elf disa' mija u wiehed u ghoxrin lira Maltin (Lm1921);

3. tikkundanna l-konvenut ihallas is-somma hekk likwidata u dikjarata bhala danni u dana bl-imghax legali millum.

Fir-rigward ta' l-ispejjes tal-kawza huwa minnu illi l-offerta ghan-negozjati li saret mis-socjeta' assikuratrici tal-konvenut kienet fil-parametri ta' disabbilita' ta' biss tnejn fil-mija (2%). Dan nonostante pero' in vista li l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut hija fondata l-Qorti jidhrilha illi l-ispejjes tal-kawza ghandhom issopportati terz mill-attur u zewg terzi mill-istess konvenut.

**ONOR. IMHALLEF NOEL V. ARRIGO LL.D.**

Deputat Registratur

rf.